

31980L0590

19.6.1980

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 151/21

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI**tad-9 ta' Ġunju 1980****li tistabbilixxi s-simbolu li jista' jakkompanja materjali u oġġetti maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel**

(80/590/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/893/KEE tat-23 ta' Novembru 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' materjali u oġġetti maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-aħħar inċiż ta' l-Artikolu 7(1)(a) tagħha,

Billi l-aħħar inċiż ta' l-Artikolu 7(1)(a) tad-Direttiva 76/893/KEE jipprovdi għall-istabbiliment ta' simbolu li jista' jikkompanja materjali u oġġetti minflok id-dettalji "sabiex jintuża ma' l-ikel" jew indikazzjoni speċifika għall-użu tat-tali materjali u oġġetti;

Billi simbolu bħal dan irid ikun faċli biex jinftiehem; billi barra minn hekk irid ikun jista' jiġi riprodott fuq materjali u oġġetti jew fuq mezzi oħra taħt l-aħjar kondizzjonijiet tekniċi possibbli;

Billi s-simbolu riprodott fl-Anness hawnhekk jissodisfa dawn il-kriterji;

Billi il-miżuri maħsuba f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Oġġetti ta' l-ikel,

ADDOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Is-simbolu li hemm riferenza għalih fl-aħħar inċiż ta' l-Artikolu 7(1)(a) tad-Direttiva 76/893/KEE għandu jkun dak riprodott fl-Anness ta' hawnhekk.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jawtorizzaw b'effett mill-1 ta' Jannar 1981 l-użu tas-simbolu li hemm referenza għalih fl-Artikolu 1.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' Ġunju 1980.


Għall-Kummissjoni

Étienne DAVIGNON

Membre tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 340, tad-9.12.1976, p. 19.

BILAG — ANHANG — ANNEX — ANNEXE — ALLEGATO — BIJLAGE



Symbol — Symbole — Simbolo — Symbol